**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Numru: 34/2007**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Mario Buhagiar**
**(ID 378168(M))**

**Illum, 29 ta' Jannar 2020**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Mario Buhagiar** ta' 37 sena, iben Carmelo u Rose nee` Bezzina, imwieled tas-Sliema, nhar id-19 ta' Lulju 1968, residenti ġewwa No 12, Flat 4, West Street, il-Belt Valletta, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 378168(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fid-29 ta' Diċembru 2002 u matul l-aħħar sitt (6) xhur qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi, u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina speċifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President

ta’ Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta’ awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u mingħajr ma kellu liċenzja jew kien xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta;

b) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta’ persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta’ Malta u mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u mingħajr ma kellu liċenzja jew kien xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Akkużat ukoll talli f’dawn il-Gżejjer fid-29 ta’ Diċembru 2002:

ċ) B’nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuraġni jew b’nuqqas ta’ ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b’nuqqas ta’ tħaris ta’ regolamenti, ikkaġuna l-mewt ta’ Leonard Magro ta’ 19-il sena, imwieled il-Pieta` fit-28 ta’ Ottubru 1983, iben Anthony u Carmen nee` Zammit u detentur tal-karta tal-identita` 546583(M).

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x’jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, sabiex din il-kawża tinstema’ minn din il-Qorti bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali u l-kunsens tal-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat ukoll illi waqt l-eżami tiegħu skont il-liġi, l-imputat wieġeb li ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja (b'referenza għall-imputazzjoni (ċ)), kif ukoll illi m'huwiex ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Rat ukoll illi fis-seduta tas-17 ta' Ġunju 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qegħdin jeżentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi mressqa sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat illi l-partijiet irrimettaw ruħhom għall-provi prodotti, kif ukoll illi d-difiża ssottomettiet illi l-imputat baqa' ma ġiex identifikat bħala l-fornitur tad-droga fil-każ odjern.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok għal dan il-każ kienu s-segwenti: Nhar id-29 ta' Diċembru 2002, għall-ħabta tal-10:00 p.m., il-Pulizija rċeviet informazzjoni miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid u dan fis-sens illi żgħażugħ ta' madwar għoxrin sena kien instab mitluf minn sensieh fejn il-bieb ta' barra tal-istess Ċentru tas-Saħħa. Il-ġuvni ttieħed l-Isptar San Luqa, fejn ġie ċertifikat mejjet; sa dak il-ħin kien jidher li dan kien b'riżultat ta' *overdose* ta' droga eroina. Mill-istħarriġ tal-Pulizija rriżulta illi ż-żgħażugħ kien ittieħed fuq il-post b'karozza ta' lewn abjad u fil-waqt li tħalla fejn il-bieb taċ-Ċentru tas-Saħħa msemmi, ħdejh tħalla wkoll basket tal-plastik b'xi ħwejjeġ u affarijiet oħra personali, fosthom *Quick Cash Card* li fuqha kien hemm isem iż-żgħażugħ. B'riżultat ta' dan, l-istess żgħażugħ ġie identifikat bħala Leonard Magro.

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat odjern, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1) **Mario Mifsud, Deputat Reġistratur**, illi esebixxa vera kopja tal-proċess verbal redatt mill-Maġistrat Inkwirenti Dr. Consuelo Scerri Herrera dwar il-mewt ta' Leonard Magro nhar id-29 ta' Diċembru 2002.[1] Mill-istess proċess verbal, jirriżulta illi fil-mori tal-inkjesta, quddiem il-Maġistrat Inkwirenti xehed, fost oħrajn, **l-Assistent Kummissarju Michael Cassar**, li esebixxa stqarrijiet rilaxxjati minn diversi persuni in konnessjoni ma' din l-investigazzjoni, fosthom, l-istqarrija ta' Claire Farrugia meħuda nhar it-30 ta' Diċembru 2002[2], liema stqarrija

[1] Dan il-proċess verbal jinsab esebit a fol. 17 sa 43 tal-proċess.
[2] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 32 sa 34 tal-proċess.

sussegwentement ġie ikkonfermata mill-istess Claire Farrugia quddiem il-Maġistrat Inkwirenti fl-istess jum.[3]

Fl-istqarrija tagħha **Claire Farrugia** tgħid illi lil Leonard Magro kienet ilha tafu għal madwar erba' xhur u li ma kienux jiltaqgħu ta' spiss. L-aħħar li hija rat lil Magro kien fid-29 ta' Diċembru 2002 għall-ħabta tas-sitta u nofs jew is-sebgħa ta' fil-għodu, meta huwa mar għandha fl-appartament fejn kienet tgħix. Tgħid illi lil Magro wasslu għandha xi ħadd, għaliex dak iż-żmien, huwa ma kellux karozza. Dak il-ħin kienet waħidha fl-appartament, fetħitlu, Magro daħal ġewwa u mar ħdejha fis-sodda, fejn raqdu flimkien sal-ħabta tat-tmienja u nofs ta' fil-għodu. X'ħin qamu, Farrugia marret tinħasel u tlesti għaliex riedet tmur għall-mistura ġewwa ċ-Ċentru tad-*Detox*. Stqarret illi kienet tmur għall-*methadone* kuljum u dan peress illi kellha l-vizzju tal-eroina. Tgħid ukoll illi Magro ma kienx jieħu l-*methadone* u li lanqas qatt ma kien abbuża mill-eroina qabel dakinhar tal-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. Tgħid ukoll illi kienet din l-unika okkażżjoni li fiha huma abbużaw mid-droga flimkien. Stqarret ukoll illi ma tafx jekk Magro kienx jabbuża minn xi sustanzi oħra.

Farrugia tgħid illi fid-29 ta' Diċembru 2002, għall-ħabta tal-għaxra ta' fil-għodu, hi u Magro marru flimkien iċ-Ċentru tad-*Detox*. Marru bil-karozza ta' Farrugia u fil-waqt illi hi daħlet ġewwa u ħadet il-mistura, Magro qagħad jistenna barra. Tgħid ukoll illi qabel waslu ċ-Ċentru tad-*Detox,* hi u Magro tkellmu dwar l-eroina u ftehmu illi jieħdu daqqa flimkien ossia li jieħdu l-eroina bis-siringa. Magro qalilha illi qatt ma kien ħa eroina qabel, iżda xtaq jippruvaha. Għalhekk waqt illi hi kienet id-*Detox,* Magro mar ġibed il-flus mill-ATM illi kien hemm fil-qrib. Farrugia ma tafx kemm ġibed flus, biss lilha taha Lm10 biex tmur tixtri l-eroina. Stqarret illi qabel ma telqu minn ħdejn id-*Detox* kien hemm wieħed magħruf bħala l-Ħassu tal-Belt li jbiegħ l-*ismack*, hija marret fuqu u talbitu jbiegħilha pakkett eroina. Huwa qalilha li kien ser jaqdiha u li kellha tmur tiltaqa' miegħu l-Pjazza ta' Raħal Ġdid. Għalhekk hi u Magro reġgħu rikbu fil-karozza ta' Farrugia u hija saqet sal-pjazza ta' Raħal Ġdid, fejn iltaqgħet mal-Ħassu, marret fuqu, talbitu pakkett u hu taha pakkett tal-karti bl-eroina, fil-waqt illi hi tatu l-LM10 li kien taha Magro. Sussegwentement, Farrugia u Magro saqu lejn iċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid minn fejn Magro daħal iġib xi siringi. Minn hemm marru fl-appartament ta' Farrugia ġewwa Marsaskala. Waslu hemm għall-ħabta tal-ħdax u nofs ta' fil-għodu, daħlu fl-appartament, marru fil-kamra tas-sodda u Farrugia bdiet tipprepara l-eroina. Ġabet mgħarfa u tefgħet fiha l-eroina illi kellha fil-pakkett tal-karti, żiedet is-*citric acid* u l-ilma, saħħnitha u ġibdet it-taħlita f'żewġ siringi –

[3] Ara x-xhieda ta' Claire Farrugia quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, a fol. 40 u 41 tal-proċess.

waħda għaliha u oħra għal Magro. Tgħid illi fis-siringa li hija ppreparat għal Magro ġibdet 20 u li għalkemm ma tafx dawn it-20 x'kienu jsarrfu, dan kien in-numru illi kien jidher fuq is-siringa. Fis-siringa li ppreparat għaliha, imbagħad, ġibdet il-bqija tat-taħlita, li kien jammonta għal aktar minn 20. Tgħid illi l-ewwel ħadet id-droga hi billi njettat lilha nnifisha f'idha l-leminija. Wara qabdet is-siringa li kienet lestiet għal Magro u Magro dawwar iċ-ċintorin ma' jdejh. Farrugia ma tiftakarx liema id kienet. Tiftakar illi hi sabet il-vina ta' Magro u injettatu bl-eroina. Tgħid illi madwar għaxar minuti wara, Farrugia rat illi Magro beda jsir blu. Ma tiftakarx jekk qalx xi ħaġa. Tiftakar biss illi Magro intefa' fuq is-sodda u għalkemm hi bdiet tagħtih ħafna fuq wiċċu, huwa ma bediex jirrispondi. Tgħid ukoll illi hija bdiet ixxarrab wiċċ Magro, neħħietlu l-qalziet u bdiet tagħmillu s-silġ mal-parti tiegħu. Injettatu wkoll b'siringa li kien fiha melħ bl-ilma u dan għamlitu għal aktar minn tlitt darbiet. Tgħid illi bdiet taqbeż fuq sider Magro, iżda kien kollu għalxejn. Farrugia spjegat illi meta bdiet tagħmillu l-ilma, Magro beda jiftaħ ftit għajnejh pero' mill-ewwel jerġa' jintilef minn sensieh. Stqarret illi damet tagħmel dan sat-tmienja jew it-tmienja u nofs ta' fil-għaxija u illi tul dan il-ħin kollu ma ġihiex f'rasha ċċempel tabib jew ambulanza. Kien għall-ħabta tat-tmienja jew it-tmienja u nofs ta' fil-għaxija illi Farrugia ddeċidiet illi ċċempel lill-kuġin ta' Magro, ċertu Roderick illi ma tafx x'kien kunjomu. Tgħid illi Roderick ġieli mar id-dar tagħha, saħansitra kien mar għandha dik il-ġimgħa stess. Żiedet tgħid illi dakinhar stess tad-29 ta' Diċembru 2002, fil-ħin ta' wara nofsinhar, waqt illi Magro kien diġa` waqa' f'*overdose*, Farrugia semgħet lil xi ħadd iħabbat il-bieb tagħha u għalkemm indunat illi kien Roderick, il-kuġin ta' Magro, hija ma fetħitlux għaliex beżgħet tgħidlu x'kien ġara. Ċemplet lil Roderick u qaltlu illi kellha bżonn tkellmu b'mod urġenti ħafna. Farrugia tgħid illi f'temp ta' tlett minuti Roderick mar id-dar tagħha, hija qaltlu b'dak illi kien ġara u li Magro kien waqa' f'*overdose* wara li njettatu bl-eroina. Flimkien daħħlu lil Magro fix-*shower* u xarrbuh bl-ilma kiesaħ, iżda kien kollu għalxejn. Reġgħet anke injettat lil Magro bil-melħ. Tgħid illi f'dak il-mument, qalet lil Roderick sabiex jgħabbu lil Magro fil-karozza u jeħduh ġewwa ċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid, kif fil-fatt għamlu. Qabel għabbew lil Magro fil-karozza ta' Roderick, hija qabdet basket tal-plastik kulur aħdar u poġġiet fih iż-żarbun, żewġ flokkijiet u l-*jeans* ta' Magro. Tgħid illi ma tafx x'kellu fil-*jeans* biss semgħet xi ħaġa ċċekċek. Tgħid illi peress illi l-ħwejjeġ ta' Magro kienu mxarrbin, il-*mobile* ta' Magro żammitu hi fil-basket tagħha, fejn wara sabuh il-Pulizija. Stqarret illi flimkien ġarrew lil Magro 'l barra mill-appartament għal ġol karozza ta' Roderick u poġġewh fuq is-*seat* ta' wara tal-karozza. Farrugia poġġiet ħdejn Magro u bdiet iżżommu sabiex jibqa' bil-qiegħda. Roderick saq il-karozza, waslu ħdejn iċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid, Farrugia u Roderick ħarġu mill-karozza, niżżlu lil Magro u

poġġewh ma' l-art viċin il-bieb tal-istess Ċentru tas-Saħħa, fil-waqt illi Farrugia poġġiet il-basket tal-plastik bl-affarijiet ta' Magro ma' l-art ħdejh. Hija tgħid illi ma kellhomx l-intenzjoni illi jtellgħu lil Magro ġewwa ċ-Ċentru tas-Saħħa, iżda kellha l-ħsieb titla' u tavża illi kien hemm ġuvni mitluf minn sensieh barra. Ġara pero` illi kif poġġew lil Magro ma' l-art, Farrugia rat xi nies liebsin ta' suldati nieżlin minn ġewwa ċ-Ċentru tas-Saħħa, u għalhekk rikbu fil-karozza ta' Roderick u saqu sal-appartament ta' Farrugia ġewwa Marsaskala. Roderick ħalla lil Farrugia barra l-appartament tagħha u baqa' sejjer. Farrugia tgħid illi hekk kif waslet lura fl-appartament, hija bdiet tnaddaf mill-ilma u l-ħmieġ illi kien inqala'. Tgħid illi ħuha Duncan illi jgħix magħha fl-appartament wasal lura għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħaxija jew il-ħdax neqsin kwart u ma kienx preżenti matul il-ġurnata. Tgħid illi wara li ħuha daħal lura d-dar, dawn marru jorqdu u baqgħu reqdin sakemm marru l-Pulizija u arrestawha. Stqarret illi l-biċċa blokka, siringi, erba' mgħaref u *citric acid* illi nstabu fl-appartament kienu tagħha, iżda ċaħdet illi l-kokajina kienet tagħha. Tgħid ukoll illi kienet hi stess illi ndikat lill-Pulizija l-iskip fejn kienet remiet is-siringi li wżaw hi u Magro u tgħid illi dawn kienet remithom xi ħin wara nofsinhar meta kien għadu d-dawl, iżda ma tiftakarx x'ħin kien.

Fl-istqarrija tagħha, Farrugia tgħid ukoll illi hija kienet ilha tabbuża mill-eroina u mill-cannabis matul l-aħħar erba' snin u tgħid ukoll illi <u>hija xtrat l-eroina mingħand il-Ħassu diversi drabi</u> u dan peress illi hija dejjem mingħandu kienet tixtri u kienet ilha tixtri mingħandu għal dawk l-aħħar erba' snin. [sottolinear tal-Qorti]

Kif ingħad iżjed 'il fuq, l-istess **Claire Farrugia** ikkonfermat din l-istqarrija bil-ġurament fit-30 ta' Diċembru 2002, quddiem il-Maġistrat Inkwirenti. Matul din ix-xhieda tagħha, hija kkonfermat l-istqarrija fl-intier tagħha u żiedet tgħid illi fl-appartament tagħha ma kellhiex kokajina, u li kellha biss blokka li kienet ta' ħuha. <u>Mistoqsija x'jismu l-Ħassu, hija tgħid illi ma tafx</u>, iżda taf li joqgħod ħdejn il-*flats* tad-Due Balli l-Belt. [sottolinear tal-Qorti]

**Claire Farrugia** xehdet ukoll f'dawn il-proċeduri.[4] Tgħid illi dakinhar li ġiet arrestata mill-Pulizija dwar qtil involontarju, hija kienet fl-appartament tagħha ġewwa Marsaskala. Tgħid ukoll illi lil Magro kienet ratu fid-29 ta' Diċembru 2002, meta huwa mar fl-appartament tagħha għall-ħabta tat-tmienja ta' fil-għodu. Tgħid illi marru ċ-Ċentru tad-*Detox* sabiex Farrugia tieħu l-*methadone* u minn hemm baqgħu sejrin lura fl-appartament tagħha. Waqt illi kienu d-*Detox*, hi u Magro iddeċidew illi

[4] Ara din ix-xhieda a fol. 155 sa 174 tal-proċess.

jieħdu l-eroina. Abbużaw mill-eroina fl-appartament ta' Farrugia. Hija tgħid illi l-eroina xtrawha wara li telqu mid-*Detox* u kienu fi triqthom lejn id-dar tagħha. Il-flus għall-akkwist tad-droga kien ħariġhom Magro. Tgħid illi d-droga kien mar jixtriha Magro u ma tafx x'arranġamenti kienu saru jew mingħand min kien xtara d-droga. Tispjega illi kienu fil-karozza tagħha, hija waqfet u niżel jixtri d-droga Magro. Tgħid illi lanqas taf fejn waqqfet lil Magro biex jixtri d-droga. Farrugia tgħid ukoll illi ma tiftakarx illi kienet xehdet bil-ġurament, kif lanqas ma tiftakar illi kien kellimha l-ex-Assistent Kummissarju Michael Cassar jew li rrilaxxjat stqarrija. Farrugia żżid tgħid illi "*... jien ma niftakarx x'gara dakinhar. L-ewwel nies dak iz-zmien kont taht l-influwenza ta' sustanza llegali u ma niftakarx x'gara u ghadda hafna zmien*".[5] Tgħid illi tiftakar illi xtraw l-eroina, iżda ma tiftakarx kif, għalkemm mingħaliha illi xtara d-droga Magro, iżda ma kinitx ċerta minn dan. Tiftakar illi sussegwentement marru d-dar tagħha, kkunsmaw id-droga u Magro waqa' f'*overdose* u hi ħaditu ċ-Ċentru tas-Saħħa. Ma tafx jekk kinitx weħedha meta Magro ttieħed iċ-Ċentru tas-Saħħa. Farrugia lanqas ma setgħet tiftakar jekk kienx hemm xi ħadd fid-dar magħha meta hi u Magro abbużaw mid-droga u meta Magro waqa' f'*overdose*. Lanqas setgħet tiftakar jekk ċemplitx lil xi ħadd għall-għajnuna. Tgħid biss illi "*Le ma niftakarx. Ma nafx x'gara. B'dak il-panic ma nahsibx li ser tiftakar wara dan iz-zmien kollu x'gara.*"[6]

Wara li ġiet moqrija lilha l-istqarrija rilaxxjata minnha, u mistoqsija jekk tiftakarx din ix-xhieda, hija qalet illi "*Le ma niftakarx li tajt daqshekk fid-dettall xhieda. M'ghandix idea*"[7] u żiedet tgħid illi tiftakar il-qofol tagħha ossia l-istorja in ġenerali, iżda ma tiftakarx id-dettall. Mistoqsija kinitx taf lill-imputat jew kinitx qed tara fl-awla lill-persuna li hija semmiet bħala l-Ħassu, hija wieġbet "*Ma nafx*"[8] u illi kien biss meta rċeviet ir-riferta illi saret taf fil-konfront ta' min kienet ser tixhed.

F'dan l-istadju l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li kien ser jissospendi din ix-xhieda u fi kliemu, "*ghax ma dik ix-xhieda guramentata niftakar li s-Sur Michael Cassar kien wrieha xi ritratti u qeghdin esebiti. Halli ngib kopja tar-ritratti*".[9]

Quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, l-Assistent Kummissarju Michael Cassar esebixxa wkoll stqarrijiet rilaxxjati minn Rodrick Magro (kuġin il-mejjet) u Ian Bonnici (ħabib tal-mejjet)[10]. Kemm Magro, kif ukoll Bonnici xehdu

[5] A fol. 163 tal-proċess.
[6] Ara a fol. 166 tal-proċess.
[7] A fol. 172 tal-proċess.
[8] A fol. 173 tal-proċess.
[9] Ara a fol. 173 tal-proċess.
[10] Ara a fol. 36 sa 37 u a fol. 38 u 39 rispettivament.

quddiem il-Maġistrat Inkwirenti u Bonnici jgħid illi matul il-lejl ta' qabel, Leonard Magro akkwista xi pilloli *ecstasy* minn Paceville u ħa waħda minnhom.[11]

2) **L-Ispettur Norbert Ciappara** jgħid illi fid-29 ta' Diċembru 2002, għall-ħabta tad-9:30 p.m., daħlet telefonata mill-Isptar San Luqa fejn ġie rrapurtat illi ċertu Leonard Magro kien ġie dikjarat mejjet mal-wasla tiegħu l-Isptar u dan wara li l-istess Magro kien tħalla barra l-bieb taċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid. Jispjega kif l-investigazzjoni tal-Pulizija wasslet għall-arrest ta' diversi persuni, fosthom ta' ċerta Claire Farrugia u illi mill-istqarrija ta' Farrugia irriżulta illi dakinhar Magro kien mar għandha għall-ħabta tal-5:00 a.m. Għall-ħabta tal-10:00 a.m., Farrugia marret iċ-Ċentru tad-*Detox* flimkien ma' Magro u ftehmu illi jixtru l-eroina. Skont ix-xhud, Farrugia stqarret illi kellmet lil wieħed, li hija kienet tafu bħala l-Ħassu, fejn l-Isptar San Luqa li qalilha biex jiltagħu ftit tal-ħin wara fil-Pjazza ta' Raħal Ġdid. Ukoll skont ix-xhud, hi u Magro telqu minn hemm, ġibdu xi flus mill-ATM mill-kont ta' Magro, iltaqgħet ma' dak <u>li hija ddeskriviet bħala Mario l-Ħassu</u> ġewwa Raħal Ġdid u xtrat l-eroina mingħandu. Minn hemm, Farrugia u Magro marru flimkien id-dar ta' Farrugia u hemm Farrugia injettat lil Magro bl-eroina, stante li skont hi, Magro ma kienx jaf jinjetta ruħu. Ix-xhud jgħid ukoll illi Farrugia ikkonfermat il-kontenut tal-istqarrija tagħha quddiem il-Maġistrat Inkwirenti Dr. Consuelo Scerri Herrera u in oltre "*identifikat dan Mario min hu fil-presenza tal-AC Michael Cassar. L-istqarrija u l-konfessjoni kienet nghatat lill-AC Michael Cassar. Kienet kkonfermat ukoll quddiem il-Magistrat ta' l-Ghassa Consuelo Scerri Herrera illi dan Mario l-Hassu identifikatu bhala Mario li jiena qed ngharaf hawn hekk bhala l-imputat u kienet ghazlitu mir-ritratti tal-pulizija li kien dak il-persuna li bieghilha l-eroina li finalment giet abbuzata minnha minn Leonard Magro*".[12] Sussegwentement, ittieħdu passi kontra Farrugia u dawn il-proċeduri ġew deċizi. Jgħid ukoll illi l-imputat irrilaxxja żewġ stqarrijiet; waħda nhar il-31 ta' Diċembru 2002 u oħra nhar l-24 ta' Settembru 2006, wara li ġie deċiż il-każ fil-konfront ta' Farrugia.[13] [sottolinear tal-Qorti]

3) Mir-relazzjoni tat-tabib forensiku **Dr. Mario Scerri**[14], maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti fil-mori tal-inkjesta li saret dwar dan il-każ, jirriżulta illi l-istess tabib wasal fid-dipartiment tal-emerġenza tal-Isptar San Luqa, fil-11.00 p.m., fejn kien hemm il-kadavru ta' Magro, li ddaħħal mejjet l-

[11] A fol. 12A u 13 tal-proċess.
[12] Ara a fol. 45 tal-proċess.
[13] Ara din ix-xhieda a fol. 44 sa 46 tal-proċess u ż-żewġ stqarrijiet rilaxxjati mill-imputat esebiti a fol. 47 u 49 rispettivament.
[14] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 56 tal-proċess.

isptar permezz ta' ambulanza mill-poliklinika ta' Raħal Ġdid. Wara li l-istess espert eżamina l-kadavru ta' Magro, huwa kkonkluda bil-mod segwenti:

i. Għalkemm saret *resuscitation* fuq Magro, din ma rnexxietx;

ii. Minkejja illi saru xi punturi fuq Magro mit-tim mediku, kemm dak tal-Isptar San Luqa, kif ukoll dak tal-poliklinika ta' Raħal Ġdid, kien hemm numru ta' punturi friski li kienu *unaccounted for*;

iii. Mir-riżultati tat-tossikoloġija fuq kampjuni li ttieħdu fid-dipartiment tal-emerġenza kien hemm riżultati pożittivi għall-*opiates, cocaine* u *methamphetamine*;

iv. Ma kienx hemm sinjali ta' vjolenza fuq il-kadavru ta' Magro;

v. Mill-evidenza ta' nuqqas ta' *rigor mortis*, mill-fatt li l-kadavru kien għadu sħun u mill-fatt li l-*hypostasis* kien għadu sejjer jibda jifforma, l-espert kien tal-opinjoni illi Magro kien ilu mejjet madwar siegħa u nofs mill-ħin tal-eżami medikolegali;

vi. Jidher li l-mewt ta' Magro kienet assoċjata ma' abbuż ta' droga.

4) Mir-relazzjoni ta' **Dr. Bridget Ellul** u **Dr. Sarfraz Ali**[15], maħtura mill-Maġistrat Inkwirenti fil-mori tal-inkjesta li saret dwar dan il-każ bl-inkarigu illi jagħmlu eżami nekroskopiku fuq il-kadavru ta' Magro u jistabbilixxu l-kawża tal-mewt tiegħu, jirriżulta illi kien hemm diversi punturi friski fuq idejn il-kadavru, kif deskritt fid-dettall fl-istess relazzjoni. Dwar il-mewt ta' Magro, l-istess esperti kkonkludew illi "*The death of this young male, Leonard Magro, was provisionally certified as pulmonary oedema and congestion, pending toxicological analysis*".[16] Dwar dan, fix-xhieda tagħha f'dawn il-proċeduri, Dr. Bridget Ellul xehdet illi "*Waqt l-awtopsja konna indunajna li kien hemm hafna punturi, partikolarment wahda ricenti li kienet fil-minkeb tax-xellug. Anke imbghad meta sar it-test istologiku kkonfermajna li din kienet ricenti. Kien hemm ukoll kongestjoni fil-pulmun u hafna ilma. Dak il-hin ta' l-awtopsja gie certifikat provizjonalment illi kien hemm kongestjoni tal-pulmun u ilma*

[15] Ara r-relazzjoni a fol. 59 sa 64 tal-proċess.
[16] A fol. 62 tal-proċess.

*fil-pulmun ghax konna qed nistennew ir-rizultati ta' l-ezami tossikologiku. Eventwalment hareg ic-certifikat li kkonferma li l-mewt kienet relatata ma' uzu ta' eroina. U kien hemm ukoll drogi ohrajn li setghu kkontribwixxew ghall-mewt.*"[17]

5) Mir-relazzjoni tal-espert **Dr. Michael Sammut**[18], maħtur bħala espert fit-tossikoloġija, jirriżulta illi kien hemm is-segwenti sustanzi misjuba fil-*body fluids* tal-mejjet u ċioe` *Morphine, Codeine, 6-Monoacetyl Morphine, MDMA (Ecstasy)* u *Cannabinoids*. Skont l-istess relazzjoni:

"*Morphine, Codeine are metabolites of Heroin but are also available as the drug itself. However, the presence of 6-MAM which is the intermediate metabolite between heroin and morphine confirms abuse of Heroin. The lower level of codeine to morphine in both blood and urine indicates that codeine was not used on its own but originates from Heroin use. The high level of 6-MAM in blood relative to urine strongly indicates that Heroin was used a very short period (minutes to an hour) before death.*

*Results also indicate relatively recent use of the designer Metamphetamine Methylenedioxymethamphetamine (MDMA or Ecstasy) as well as cannabis.*

*The toxic effects of opiates such as Heroin and designer amphetamines such as MDMA on a person cannot be extrapolated from the levels of the drug or its metabolite found in the body fluids as this is very dependent on the tolerance of the person to the drug. However, the autopsy finding of intense pulmonary congestion and edema together with the finding of recent use of opiates are indicative of death from opiate (Heroin) abuse. The concurrent use of MDMA that is known to effect the function of various vital organs such as the heart, liver, kidney and brain may have been contributory to death.*"

6) **PC 1190 Antoine Hili** esebixxa r-rapport tal-pulizija dwar dan il-każ[19];

7) **L-Ispettur Abraham Zammit** xehed illi fiż-żmien in kwistjoni huwa kien Spettur ġewwa l-Għassa tal-Pulizja ta' Raħal Ġdid u kien hu li

[17] Ara din ix-xhieda a fol. 57 u 58 tal-proċess.
[18] Din tinsab esebita a fol. 67 u 68 tal-proċess.
[19] Dan ir-rapport jinsab esebit a fol. 86 u 87 tal-proċess.

ppreżenta rapport dwar dan il-każ lill-Maġistrat Inkwirenti Dr. Consuelo Scerri Herrera, liema rapport huwa kkonfermah[20];

8) **Carmen Camilleri**[21] u **Felix Grech**[22], it-tnejn membri tal-Armata, xehdu illi kienu ġewwa ċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid fejn skortaw xi immigranta jew immigranti. Gunner Camilleri tgħid illi huma u ħerġin, kien hemm konfużjoni sħiħa, iżda lemħet raġel jinstabat ma' l-art wara li xi ħadd kien tefgħu hemm. Fl-istess waqt rat ukoll karozza ta' lewn ċar bejn it-triq taċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid u triq oħra. Dak il-ħin għajjtu għat-tabib li niżel jagħti l-assistenza tiegħu, iżda skont Camilleri kien kollu għalxejn. Il-Bombardier Grech żied jgħid illi meta raw lil Magro mal-art, instema' t-twerżieq tat-*tyres* ta' karozza.

9) **Rachel Desira**[23] in rappreżentaza tas-soċjeta` Vodafone, xehdet illi n-numru 9987 5643 jirriżulta abbinat ma' kont pre-pagat u għalhekk l-utenti jkollu għażla dwar jekk jirreġistrax jew le d-dettalji tiegħu. F'dan il-każ, is-soċjeta` ma kellhiex dettalji.

10) **L-Ispiżjar Mario Mifsud**[24] ġie maħtur bħala espert fil-qasam tad-droga, fl-istadju tal-inkjesta, sabiex jagħmel l-analiżi neċessarja fuq id-dokumenti mogħtija lilu f'dan il-każ. Mir-relazzjoni tal-istess espert jirriżulta illi huwa ngħata diversi oġġetti għall-analiżi tiegħu ossia tlett (3) boroż tas-siringi vojta u tlett (3) siringi tal-0.5 ml li kienu wżati (mogħtija l-Kodiċi tal-laboratorju 02 DER 205), li skont il-*label* annessa, kienu ġew elevati minn ma' l-art, ħdejn *skip* fi Triq in-Nadur, ġewwa Marsaskala; diversi oġġetti li ġew elevati minn 28, Triq Mintba, Marsaskala ossia blokka ta' sustanza kannella mgeżwra ġo biċċa *foil* (mogħtija l-Kodiċi tal-laboratorju 02 DER 206), speċi ta' parti ta' sigarett tal-brim li kien użat (mogħti l-Kodiċi tal-laboratorju 02 DER 207), disa' (9) boroż tas-siringi vojta, pakkett ta' lewn abjad biċ-ċelesti u blu li fuqu fost l-oħrajn kien hemm il-kliem *Citric Acid* u li fih kien hemm borża tal-plastik trasparenti bi kristalli bojod ġo fiha, borża tal-plastik trasparenti li ġo fiha kien hemm erba' mgħaref, basket żgħir tal-plastik, bott tal-plastik li fih kien hemm tmien (8) siringi tal-0.5 ml issiġillati u mhux użati u disa' siringi tal-0.5ml li kienu wżati, b'waħda minn dawn is-siringi kien fiha 0.2 ml ta' likwidu kulur kannella (mogħtija l-Kodiċi tal-laboratorju 02 DER 209), borża żgħira tal-plastik trasparenti (mogħtija l-Kodiċi tal-laboratorju 02 DER

[20] Ara din ix-xhieda a fol. 88 u 89 tal-proċess.
[21] Ara din ix-xhieda a fol. 90 u 91 tal-proċess.
[22] Ara din ix-xhieda a fol. 92 u 93 tal-proċess.
[23] Ara din ix-xhieda a fol. 94 sa 96 tal-proċess.
[24] Ara r-relazzjoni esebita a fol. 103 sa 113 tal-proċess.

210), pakkett ta' lewn ċelesti ta' karti tal-brim tas-sigaretti tal-marka "Rizla" u biċċa *foil* li ġo fiha kien hemm biċċiet ta' sustanza kannella (mogħtija l-Kodiċi tal-laboratorju 02 DER 211) u pakkett tas-sigaretti tal-marka *Rothmans* li fih kien hemm tlettax-il (13) blokka ta' sustanza kannella mgeżwra ġo biċċiet tal-*foil* (mogħtija l-Kodiċi tal-Laboratorju 02 DER 212).

Dwar dawn id-dokumenti, l-istess espert ikkonkluda s-segwenti:

a) Illi ma nstabux sustanzi llegali fis-siringi li kien hemm fid-dokumenti 02 DER 205 u 209, fiż-żewġ mgħaref li kien hemm fid-dokument 02 DER 209 u fil-borża tal-plastik li kien hemm fid-dokument 02 DER 210;

b) Illi nstabu traċċi tas-sustanza *Tetrahydrocannabinol* fl-ispeċi ta' sigarett tal-brim li kien hemm fid-dokument 02 DER 207;

c) Illi fil-blokki ta' sustanza ta' lewn kannella li kien hemm fid-dokument 02 DER 206, 211 u 212, f'ammont nett totali ta' 22.872 grammi, instabet fihom is-sustanza *Tetrahydracannabinol*. Din is-sustanza hija kontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda, Taqsima III, Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

d) Illi fuq iż-żewġ mgħaref li kien hemm fid-dokument 02 DER 209 instabu traċċi tas-sustanza Herojina u Kokajina. Dawn is-sustanzi huma kontrollati bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

11) **PC 1183 Oliver Borg** xehed illi huwa kien xhud tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar il-31 ta' Diċembru 2002, wara li l-istess imputat ingħata s-solita twissija skont il-liġi[25];

12) **PC 642 Joseph Camilleri** xehed illi huwa kien xhud tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar l-24 ta' Settembru 2006, wara li l-istess imputat ingħata s-solita twissija skont il-liġi[26];

13) **L-ex Assistent Kummissarju Michael Cassar** jixhed illi dakinhar tad-29 ta' Diċembru 2002, wara d-disa' u nofs ta' fil-għaxija, huwa kien ġie nfurmat mill-Ispettur Norbert Ciappara illi kienet iddaħħlet l-isptar persuna, li sussegwentement mietet, aktarx kawża ta' *overdose* ta' eroina,

[25] Ara a fol. 149 u 150 tal-proċess.
[26] Ara a fol. 151 u 152 tal-proċess.

stante illi tali persuna kellha diversi punturi fuq l-idejn. Mill-investigazzjoni rriżulta illi l-vittma kien Leonard Magro ta' dsatax-il sena, residenti Ħaż-Żabbar. Jgħid ukoll illi huwa kien ħa sehem f'din l-investigazzjoni u flimkien mal-Ispettur Ciappara, kien mar ukoll fir-residenza ta' Magro. Irriżulta illi Magro kien ħareġ mid-dar tal-ġenituri tiegħu s-Sibt fil-għaxija, għall-ħabta tal-ħdax ta' bil-lejl u illi minn dak il-ħin il-quddiem, il-ġenituri tiegħu ma kienux rawh. Irriżulta wkoll illi Magro kien ħabib ta' u kien joħroġ ma' kuġinuh Roderick Magro, li sussegwentement, irriżulta li kellu karozza ta' kulur ċar. Roderick Magro dak il-ħin ċaħad li kien ra lill-kuġinuh dakinhar, għalkemm wara kien bidel il-verżjoni tiegħu u indika lil Ian Bonnici bħala ħabib ta' Leonard Magro li kellu karozza ta' lewn abjad. Tkellmu wkoll ma' Bonnici, li qalilhom illi fil-lejl ta' qabel, huwa kien ħareġ ma' Leonard Magro u flimkien marru fl-istabbiliment *Liquid Club* u damu hemm sal-ħabta tal-erbgħa ta' fil-għodu. Wara marru flimkien Paceville u għall-ħabta tal-ħamsa ta' fil-għodu tal-Ħadd, Magro talab lil Bonnici sabiex iwasslu d-dar ta' Claire Farrugia, li Bonnici ddeskriviha bħala t-tfajla ta' Magro. Ix-xhud jgħid illi fit-30 ta' Diċembru 2002, għall-ħabta tal-4:00 a.m., saret ukoll tfittxija ġewwa r-residenza ta' Farrugia, fejn huwa mar flimkien mal-Ispettur Ciappara, u li f'basket illi kien hemm ħdejn Farrugia, instab *mobile phone* li Farrugia stqarret illi ma kienx tagħha. Mill-investigazzjoni tal-Pulizija rriżulta illi dan il-*mobile* kien ta' Leonard Magro. Stabbilita l-konnessjoni bejn Magro u Farrugia, Farrugia ġiet arrestata u sussegwentment irrilaxxjat stqarrija fejn indikat dak kollu illi kien ġara. Skont ix-xhud, Farrugia stqarret ukoll illi wara li Magro u hi ddeċidew li jużaw l-eroina u wara wkoll illi Magro ġibed il-flus mill-ATM u taha Lm10, "*<u>hi marret u kellmet lil Mario Buhagiar maghruf bhala l-Hassu u cioe l-imputat u hemm hekk talbitu pakkett.</u>*"[27] Jgħid ukoll illi skont Farrugia, l-imputat sussegwentement qdiehom u tahom pakkett eroina ġewwa Raħal Ġdid. Jgħid ukoll fix-xhieda tiegħu illi meta huwa staqsa lil Farrugia minn fejn kienet tixtri d-droga regolarment, hija qalet li dejjem xtrat mingħand l-imputat. Ix-xhud jikkonferma x-xhieda tiegħu fil-mori tal-inkjesta, u li huwa kien ħa l-istqarrijiet esebiti a fol. 32 u a fol. 35 tal-proċess[28]; [sottolinear tal-Qorti]

14) **PS 239 Joseph Caruana** li kien maħtur bħala *Scene of the Crime Officer* fil-mori tal-inkjesta dwar dan il-każ esebixxa r-relazzjoni tiegħu flimkien ma' faxxikolu fotografiku kontenenti diversi ritratti miġbuda minnu fl-istess każ[29], fil-waqt illi **PC 1253 Fredrick Brincat** ukoll maħtur

---

[27] Ara a fol. 179 tal-proċess.
[28] Ara din ix-xhieda a fol. 176 sa 182 tal-proċess.
[29] Ara din ir-relazzjoni a fol. 217 tal-proċess.

bħala *Scene of the Crime Officer* flimkien ma' PS 239 Joseph Caruana, esebixxa kopja tal-istess relazzjoni konġunta;[30]

15) **L-Assistent Kummissarju Neil Harrison**, li kien Spettur fiż-żmien tal-każ, jixhed illi huwa ma kellux wisq involviment fil-każ odjern, iżda kien xhud tal-istqarrija rilaxxjata minn Claire Farrugia, liema stqarrija kienet ittieħdet mill-Assistent Kummissarju Michael Cassar.[31]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi kif ingħad iżjed 'il fuq, l-imputat irrilaxxja żewġ stqarrijiet lill-Pulizija Eżekuttiva ossia waħda nhar il-31 ta' Diċembru 2002 u oħra nhar l-24 ta' Settembru 2006 u dan wara li huwa ngħata s-solita twissija skont il-liġi, iżda mingħajr ma ngħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu u li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju. Fil-fatt l-ewwel jedd daħal fis-seħħ fil-liġi Maltija fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviż Legali 35/2010, fil-waqt illi t-tieni jedd daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-12 ta' Jannar 2016 fil-każ **Mario Borg v. Malta**, kif ukoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Chukwudi Onyeabor** tal-1 ta' Diċembru 2016, fejn hemmhekk il-Qorti għamlet referenza għal diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali ossia **Carmel Saliba vs Avukat Generali** tas-16 ta' Mejju 2016, **Stephen Nana Owusu vs Avukat Generali** tat-30 ta' Mejju 2016, **Malcolm Said vs Avukat Generali et** tal-24 ta' Ġunju 2016 u **Aaron Cassar vs Avukat Generali et** tal-11 ta' Lulju 2016 u għaddiet sabiex tiddeċiedi illi "*the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systematic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement*."

Il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**, f'liema każ fl-istqarrijiet tiegħu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-pulizija, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet

[30] A fol. 185 sa 197 tal-proċess.
[31] Ara a fol. 200 u 201 tal-proċess.

rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:

> "36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.
>
> 37. Fid-dawl tal-premess <u>it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih</u>. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali." [sottolinear tal-Qorti]

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-każ, kien ingħata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tiegħu u anke eżerċita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tiegħu ma jitħallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-eżitu tal-proċess kriminali u dan stante illi ma ngħatax il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu. Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Claire Farrugia</u>**, f'liema każ dik il-Qorti skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, waħda minnhom ġuramentata, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni. F'dan is-sens ukoll iddeċidiet l-istess Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Emad Masoud</u>** tas-16 ta' Mejju 2019 u iżjed riċentement fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Sandro Spiteri</u>** tat-18 ta' Ġunju 2019, f'liema każ, bħal fil-każ odjern, l-imputat kien irrilaxxja stqarrija kemm mingħajr il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju

tiegħu, kif ukoll mingħajr id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella** tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**:

> "14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."

Fil-każ ta' **Philippe Beuze vs Belgium** deċiż mill-*Grand Chamber* tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru 2018, dik il-Qorti reġgħet adottat il-kriterju tal-*overall fairness of the proceedings* sabiex tistħarreġ jekk seħħitx o meno leżjoni tad-dritt għal smiegħ xieraq. Għalkemm sabet li f'dan il-każ seħħet vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, il-Qorti mxiet lil hinn minn dawk id-deċiżjonijiet li fihom instabet vjolazzjoni tal-imsemmi artikolu għaliex kien hemm restrizzjoni sistematika fil-liġi domestika tad-dritt ta' persuna suspettata jew arrestata ta' aċċess għall-avukat, u ddeċidiet illi l-Qorti għandha dejjem tistħarreġ iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, tenut kont ta' numru ta' kriterji, mhux eżawrjenti, elenkati fid-deċiżjoni tagħha. Dik il-Qorti qalet hekk fid-deċiżjoni tagħha:

> "(γ) Relevant factors for the overall fairness assessment
>
> 150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):

(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;

(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;

(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;

(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;

(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;

(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;

(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;

(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;

(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and

(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice."

F'dak il-każ, meta l-Qorti Ewropea ġiet biex teżamina dawn il-kriterji fil-kuntest taċ-ċirkostanzi li kellha quddiemha, fil-waqt illi saħqet illi kienet qed issib vjolazzjoni tal-Artikolu 6 fid-dawl ta' diversi fatturi meħudha lkoll flimkien u mhux kull fattur meqjus separatament, ikkunsidrat *inter alia* illi fl-istess każ, ir-restrizzjonijiet fuq id-dritt tal-aċċess għall-avukat kienu estensivi u dan fis-sens illi l-akkużat ġie interrogat waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija mingħajr ma qabel ingħata l-opportunita` li jottjeni parir legali jew li jkollu avukat preżenti u fil-kors tal-investigazzjoni ġudizzjarja li seħħet wara, ma ngħatax il-possibilita` li jkun

assistit minn avukat, kif lanqas ma ngħata dan id-dritt f'atti investigattivi oħrajn sussegwenti. F'dawk iċ-ċirkostanzi, mingħajr ma ngħata informazzjoni ċara dwar id-dritt tiegħu għas-silenzju, huwa rrilaxxja stqarrijiet dettaljati u sussegwentement ta wkoll verżjonijiet differenti dwar il-fatti, bir-riżultat illi għamel stqarrijiet, li għalkemm ma kinux inkriminanti fis-sens restrittiv ta' din il-kelma, effettwaw sostanzjalment il-posizzjoni tiegħu, speċjalment fir-rigward ta' akkuża partikolari. Dawn l-stqarrijiet ġew ilkoll ikkunsidrati bħala ammissibbli fil-proċeduri kontra tiegħu. In oltre tali stqarrijiet kellhom rwol importanti fil-proċeduri u fir-rigward ta' akkuża minnhom, kienu jiffurmaw parti integrali mill-provi li a bażi tagħhom huwa nstab ħati.

Fil-każ deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Paul Anthony Caruana vs Avukat Ġenerali et** nhar il-31 ta' Mejju 2019, l-attur ilmenta minn ksur tal-jedd tiegħu għal smiegħ xieraq fid-dawl tal-fatt illi ma ngħatax id-dritt tal-aċċess għall-avukat kemm qabel irrilaxxja l-istqarrija tiegħu lill-pulizija kif ukoll waqt l-interrogatorju tiegħu, u għaldaqstant talab lill-Qorti kemm sabiex tiddikjara illi ġew leżi d-drittjiet fundamentali tiegħu kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll sabiex takkorda dawk ir-rimedji effettivi inkluż li tannulla, tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, li permezz tagħha kien instab ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u ġie kkundannat għal terminu effettiv ta' priġunerija.

F'dan il-każ, wara li rreferiet għall-każ ta' **Ibrahim and Others v. United Kingdom** deċiż mill-Qorti Ewropea fit-13 ta' Settembru 2016 u kompliet illi allura l-fatt waħdu li persuna ma tkunx tħalliet tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, ukoll jekk ma kienx hemm raġunijiet impellenti għal dan in-nuqqas, ma huwiex biżżejjed biex, *ipso facto*, jinsab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, iżda wieħed irid iqis il-proċess fit-totalità tiegħu, il-Qorti Kostituzzjonali għamlet referenza wkoll għad-deċiżjoni f'**Beuze v. Belgium** u għall-kriterji hemmhekk indikati (u fuq ċitati minn din il-Qorti) li a bażi tagħhom wieħed għandu jeżamina l-proċeduri fl-intier tagħhom fid-dawl tal-impatt tan-nuqqasijiet proċedurali fl-istadju ta' qabel il-proċeduri. Il-Qorti kompliet hekk dwar l-ilment tal-attur:

> "20. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjoniiet, l-aggravju tal-attur – safejn igħid illi "l-fatt waħdu illi persuna li tkun instabet ħatja ma tkunx tħalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha fil-mument tal-investigazzjoni u l-għotja ta' stqarrija lill-pulizija, minħabba restrizzjoni sistematika fil-liġi maltija, awtomatikament ikun ifisser illi saret vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tas-smigħ xieraq ta' dik l-istess persuna taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea" – huwa ħażin u huwa miċħud.

21. Fil-każ tallum kien hemm raġuni tajba għala l-attur ma tħalliex ikellem avukat qabel jew waqt l-ewwel interrogazzjoni. Ir-raġuni hi li kien hemm il-ħsieb li ssir controlled delivery lil terza persuna li kienet tipprovdi lill-attur bid-droga, u biex din l-operazzjoni tirnexxi kien meħtieġ li l-attur ma jitħalla jikkomunika ma' ħadd biex ma titwassalx il-kelma lil dan it-terz.

...

23. L-attur ingħata t-twissija li trid il-liġi qabel ma ta l-istqarrija, u ma saret ebda allegazzjoni li l-istqarrija saret fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-art. 658 tal-Kodiċi Kriminali. ... Ħlief għall-fatt li ma kellux avukat dak il-ħin, l-attur ma ressaq ebda argument serju kontra l-validità u l-veraċità tal-istqarrija.

24. Għandu jingħad ukoll illi l-attur ma nżammx aktar milli kien meħtieġ biex tirnexxi l-operazzjoni tal-controlled delivery; dakinhar stess kien meħlus u seta' liberament ikellem avukat.

25. Barra minn hekk, l-istqarrija magħmula lill-pulizija ma kinitx ir-raġuni li wasslet għall-kundanna tal-attur: l-attur instab ħati mill-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali għax ammetta l-ħtija għal dawk l-akkużi li ma ġewx ritirati. Dan għamlu fil-preżenza tal-avukat wara li ikkonsulta miegħu u quddiem maġistrat li wissih bil-konsegwenzi tal-ammissjoni u tah l-opportunità li jeħodha lura.

26. Tassew illi l-attur igħid illi kien kondizzjonat bil-fatt li kien ġà ta stqarrija lill-pulizija qabel ma ammetta quddiem il-qorti...

27. Dan jista' f'ċerti ċirkostanzi jkun fattur relevanti, iżda fil-każ tal-lum l-attur seta' jiċħad dak li stqarr fl-istqarrija u wkoll, jekk tassew kif qal hu kien fis-sakra meta għamilha u għalhekk l-istqarrija ma għamilhiex "volontarjament", jikkontestaha taħt l-art. 658 tal-Kodiċi Kriminali – seta' saħansitra jirtira l-ammissjoni li għamel quddiem il-qorti – għax il-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali, presjeduta minn ġudikant togat, kienet taf biżżejjed, fid-dawl tas-sentenza ta' Salduz, li kienet ingħatat qabel, li ma kellhiex toqgħod fuq l-istqarrija weħedha, aktar u aktar jekk tkun ġiet irtirata, jekk ma jkunx hemm xiehda oħra li ma tħallix dubju dwar il-ħtija. Bilkemm għalfejn ngħidu wkoll illi l-attur kien inqabad in flagrante, bi kwantità ta' droga fuq il-persuna tiegħu u fid-dar fejn kien joqgħod.

28. Il-qorti aktar temmen illi l-attur ammetta quddiem il-qorti mhux għax kondizzjonat bl-istqarrija li kien ta iżda għax kien jaf bix-xiehda l-oħra kontrieh u biex jieħu l-benefiċċju, li fil-fatt ingħata, taħt l-art. 29 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi [Kap. 101]." [sottolinear ta' din il-Qorti]

F'każ iżjed riċenti deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-27 ta' Settembru 2019, fl-ismijiet **<u>Graziella Attard vs Avukat Ġenerali</u>**, f'liema każ il-posizzjoni legali fit-teħid ta' stqarrija kienet dik adoperata qabel l-10 ta' Frar 2010 u għalhekk qabel ġie fis-seħħ id-dritt ta' persuna suspettata jew arrestata li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tagħha, wara li rreferiet ukoll għall-każ **<u>ta' Beuze v. Belgium</u>**, l-istess Qorti kkonkludiet illi:

> "10. Madanakollu, billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din il-qorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet <u>Malcolm Said v. Avukat Ġenerali</u>, **<u>illi ma jkunx għaqli</u>** – partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliġġenti li ħadet fil-każ ta' Borg u f'dak ta' Beuze – **<u>illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija</u>** għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat." [enfasi ta' din il-Qorti]

Fl-istess sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali tenniet ukoll is-segwenti:

> "18. Il-qorti tqis illi l-ordni li l-istqarrija titneħħa mill-inkartament, aktar milli rimedju għal ksur li, wara kollox, għadu ma seħħx, huwa garanzija tal-integrità tal-proċess u wkoll fl-interess pubbliku, biex ma jiġrix l-proċess kontra l-attriċi jkollu jitħassar wara li jintemm, b'ħela ta' ħin u riżorsi, li tkun forma oħra ta' inġustizzja għax il-liġijiet għandhom iħarsu mhux biss lil min hu mixli b'reat iżda wkoll lil min jista' jkun vittma ta' reat.
>
> 19. Il-qorti għalhekk terġa' ttenni li ma jkunx għaqli li jsir użu mill-istqarrija waqt il-proċess kriminali ...".

Huwa evidenti illi fil-każ odjern, jeħtieġ li din il-Qorti teżamina ċ-ċirkostanzi li għandha quddiemha mhux mill-ottika ta' ksur tal-jedd għal smiegħ xieraq stante li m'għandhiex kompetenza li tagħmel dan, iżda sempliċiment mil-lat tal-valur probatorju li għandhom jingħataw l-istqarrijiet tal-imputat, tenut kont madankollu tal-ġurisprudenza fuq indikata. Mis-suespost, il-Qorti jidhrilha illi fil-każ ta' Beuze, sabiex sabet vjolazzjoni tal-jedd tal-akkużat għal smiegħ xieraq, il-Qorti Ewropea fil-valutazzjoni tagħha tal-*overall fairness of the proceedings* straħet ħafna fuq il-fatt illi l-akkużat ma ngħatax aċċess għall-avukat qabel u/jew waqt l-interrogatorji diversi li sarulu, illi fl-istqarrijiet tiegħu għamel

dikjarazzjonijiet inkriminanti u illi fir-rigward ta' akkuża partikolari, l-istqarrijiet tiegħu kellhom impatt tali illi wasslu għal sejbien ta' ħtija. Fil-każ ta' Paul Anthony Caruana, imbagħad, fil-waqt illi ma sabitx ksur tad-dritt tal-attur għal smiegħ xieraq, il-Qorti Kostituzzjonali qieset bħala fattur determinanti l-fatt illi huwa nstab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati mhux fid-dawl tal-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija, iżda a bażi tal-ammissjoni tiegħu fil-proċeduri. Effettivament din il-Qorti tinnota illi dejjem tibqa' kunsiderazzjoni determinanti kemm l-istqarrija rilaxxjata mingħajr il-jedd ta' aċċess għall-avukat, ikollha impatt fuq l-eżitu tal-proċeduri, jew fi kliem ieħor fuq is-sejbien ta' ħtija tal-imputat.

Fil-każ odjern, fid-dawl tal-bqija tal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, huwa evidenti illi l-unika prova li tista' twassal sabiex l-imputat jinstab ħati <u>tat-tieni imputazzjoni</u> li tikkontempla r-reat ta' pussess 'sempliċi' ta' droga eroina, hija <u>biss u unikament</u> l-istqarrija rilaxxjata minnu nhar il-31 ta' Diċembru 2002. Altrimenti skartata din l-istqarrija, ma jibqa' l-ebda prova fl-atti li tista' twassal għal sejbien ta' ħtija fl-imputat dwar din l-imputazzjoni. Għaldaqstant, huwa ċar illi kemm il-darba l-Qorti tqis l-istqarrija tal-imputat bħala prova f'dawn il-proċeduri, din ser ikollha impatt determinanti fuq l-eżitu tal-istess, almenu in kwantu t-tieni imputazzjoni.[32]

Għalhekk fid-dawl ta' dawn is-sentenzi u anke tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna u tal-Qorti Ewropea hemmhekk ċitati, il-Qorti jidhrilha illi m'għandhiex tistrieħ fuq din l-istqarrija tal-imputat u qegħda tiskartaha. In kwantu t-tieni stqarrija tal-istess imputat, waqt dan l-interrogatorju huwa għażel li ma jweġibx għad-domandi li sarulu, kif kellu kull dritt li jagħmel, u għaldaqstant, mhux meħtieġ illi l-Qorti tikkunsidra jekk għandhiex tiskarta jew le din l-istqarrija.

Il-Qorti qed tqis ukoll illi riċenti fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Jannar 2020 fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Carmel Polidano, Michael Mercieca, *Omissis***</u>, il-Qorti tal-Appell Kriminali għamlet rassenja tal-ġurisprudenza l-iżjed riċenti, kemm tal-Qrati Maltin kif ukoll tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar din il-kwistjoni u rrikonixxiet illi kien hemm tibdil sostanzjali fid-deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti Ewropea dwar dan il-punt. Il-Qorti għamlet referenza għal <u>**Beuze v. Belgium**</u>, kif ukoll għas-sentenzi tal-Qrati Maltin li rreferew għal din id-deċiżjoni, fosthom <u>**Il-Pulizija vs Maximilian Ciantar**</u> tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-27 ta' Frar 2019, fejn il-Qorti straħet fuq l-istqarrija tal-imputat, abbinata ma' provi oħrajn, minkejja li l-imputat ma ngħatax id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogatorju tiegħu, fil-waqt illi kien ingħata l-jedd għall-parir legali qabel tali interrogatorju, <u>**Paul Anthony Caruana vs Avukat**</u>

[32] Dwar il-bqija tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra l-imputat, il-Qorti tqis illi għalkemm l-istqarrija tipprovdi ċerti indizzji, biss dawn waħedhom, tenut kont tal-bqija tal-provi prodotti jew aħjar tan-nuqqas tagħhom, ma jistgħux iwasslu għal sejbien ta' ħtija fl-imputat, kif ser jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti iżjed 'il quddiem.

**Ġenerali et** fuq ċitata, kif ukoll **Stephen Pirotta vs Avukat Ġenerali et** tas-27 ta' Settembru, 2019 fejn il-Qorti Kostituzzjonali sabet li r-rikorrenti ma ġarrab ebda ksur tal-jedd tiegħu għal smiegħ xieraq bil-fatt illi ma kienx ingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni tiegħu u dan wara li kkunsidrat illi:

> "Fil-każ tallum ma jista' jkun hemm ebda dell ta' dubju li l-attur kien ħati tal-imputazzjonijiet imressqa kontra tiegħu, kif wara kollox għarfet l-ewwel qorti stess. L-ewwel qorti għarfet ukoll illi l-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali waslu għall-konklużjoni tal-ħtija tal-attur bis-saħħa ta' xiehda oħra barra l-istqarrija tiegħu. Meqjus il-proċess kriminali fl-intier tiegħu, ma jistax jingħad illi l-attur ma ngħatax smigħ xieraq: kellu għarfien tal-provi kollha mressqa kontrih u ma ntweriex li nżamm mistur xi tagħrif li kellha l-pulizija; kellu għajnuna ta' avukat waqt il-proċess quddiem il-qorti; kellu fakoltà jressaq xhieda u jagħmel konto-eżami tax-xhieda tal-prosekuzzjoni; instab ħati bis-saħħa ta' xiehda oġġettiva li, ukoll jekk ma tqisx l-ammissjoni tiegħu, rabtitu mal-inċident u ma setgħetx tħalli dubju dwar il-ħtija tiegħu."

Il-Qorti tal-Appell Kriminali rreferiet ukoll għas-sentenza mogħtija ricentement fl-ismijiet **Farrugia vs. Malta**, reża finali fis-7 ta' Ottubru 2019, mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, li wkoll ikkonfermat il-posizzjoni li ttieħdet fil-każ ta' Beuze u kompliet hekk:

> "Illi l-izvillup fl-interpretazzjonijiet dwar il-jedd ta' smiegh xieraq kif moghtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fosthom fis-sentenzi sucitati fl-ismijiet 'Beuze vs Belgium' moghtija mill-Grand Chamber u s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet 'Farrugia vs. Malta' gia gie rifless fil-pozizzjoni li l-Qorti Kostituzzjonali u l-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) qeghdin jiehdu meta jikkunsidraw jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smiegh xieraq. Jirrizulta li hemm zvillup fis-sens li l-fatt li stqarrija tkun ittiehdet minghajr il-prezenza tal-Avukat skont dawn l-ahhar sentenzi mhumiex awtomatikament jigu kkunsidrati bhala li jiksru d-dritt ghal smiegh xieraq izda li qieghed jittiehed kont tal-proceduri fit-totalita' taghhom sabiex jigi determinat jekk kienx hemm lezzjoni o meno tad-dritt ghal smiegh xieraq."

Hawnhekk il-Qorti rreferiet ukoll għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) tas-17 ta' Ottubru 2019, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello** u dan wara referenza kostituzzjonali li saret lilha mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' April 2018, liema referenza ġiet deċiża billi l-Qorti ddikjarat illi:

> "fic-cirkostanzi tal-kaz mhux ser ikun jirrizulta ebda lezjoni tad-dritt fondamentali tal-akkuzat Martino Aiello ghal smigh xieraq kif sancit bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali jekk isir uzu fil-guri kontra tieghu mill-istqarrija li huwa rrilaxxja lil pulizija fid-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) ...".

Dan wara li l-istess Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) ikkunsidrat illi dan il-każ kien kemmxejn differenti minn dak ta' Aldo Pistella, fuq ċitat, in kwantu kuntrarjament għal Pistella, Aiello kien irrinunzja għad-dritt tiegħu li jikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogatorju tiegħu u ma ġiex muri li huwa xtaq li jkollu avukat preżenti waqt l-interogazzjoni. In oltre fil-fehma tal-Qorti, ir-rikorrenti naqas milli juri li huwa kellu jitqies bħala persuna vulnerabbli u lanqas irriżultat xi prova fis-sens illi ċ-ċirkostanzi li fihom ittieħdet l-istqarrija kienu għalih intimidanti. Ir-rikorrenti lanqas ma attakka l-volontarjeta` tal-istqarrija tiegħu u ma qajjem l-ebda lment dwar l-istess stqarrija, iżda talab lill-Qorti Kriminali sabiex ikun jista' jressaq eċċezzjoni dwar l-inammissibilità tal-istqarrija biss minħabba dak deċiż mill-Qorti Ewropea fil-każ ta' Borg. Finalment, qieset ukoll illi kien fl-interess pubbliku li jiġi investigat u mressaq sabiex jiġi ġudikat mill-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali stante li nqabad in flagrante jittraffika d-droga f'Malta. Din is-sentenza tinsab illum fi stadju ta' appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.

Fis-sentenza tagħha **Il-Pulizija vs Carmel Polidano et** imbagħad, il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonkludiet illi:

> "Din il-Qorti temfasizza li d-dritt li suspettat ikollu Avukat prezenti minn stadju bikri tal-investigazzjoni mhijiex limitata ghal persuni kkunsidrati vulnerabbli. Anke persuni li kellhom diversi kundanni precedenti kontra taghhom u li ghalhekk huma intizi fil-mod ta' kif jittiehdu l-interogazzjonijiet kif ukoll persuni li l-Avukat Generali jirreferi ghalihom bhala b'esperjenza f'varji oqsma tan-negozju ukoll ghandhom dritt li jkollhom Avukat prezenti minn stadju bikri tal-investigazzjoni. Il-ligi ma tiddistingwix bejn persuna u ohra. Huwa d-dritt ta' kull persuna li jkun assistit minn Avukat anke matul l-interrogazzjoni. Mhuwiex kontestat li fiz-zmien li ttiehdu l-istqarrijiet kif ukoll ix-xhieda ta' uhud mill-akkuzati quddiem l-espert Vincent E. Ciliberti fl-istadju tal-inkjesta, l-ligi ma kinitx taghti jedd lil suspettati biex ikollhom Avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija. Biss pero' issa li l-ligi tipprovdi ghal dan id-dritt, huwa rikonoxxut u accettat li d-dritt ghal smiegh xieraq ghandu jigi rispettat minn stadju bikri tal-investigazzjoni.

> Din il-Qorti filwaqt li tirrikonoxxi li kien hemm zvilupp sinifikattiv f'dawn l-ahhar xhur, fejn il-Qrati qeghdin iharsu lejn il-proceduri fit-totalita' taghhom sabiex jigi deciz jekk kienx hemm lezzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq, din il-Qorti tissotolinea li bl-ebda mod ma hemm uniformita' fil-kunsiderazzjonijiet u decizjonijiet tal-Qrati dwar jekk stqarrijiet u dikjarazzjonijiet mehuda matul l-investigazzjoni minghajr id-dritt tal-prezenta tal-Avukat jilledux id-dritt ghal smiegh xieraq. Din il-Qorti ma ghandha l-ebda kompetenza biex tiddeciedi dwar lezjoni o meno ta' dritt fundamentali izda trid tiddeciedi biss jekk ghandhiex tiehu in konjizzjoni stqarrijiet u dikjarazzjonijiet ohra fl-istadju tal-investigazzjoni minghajr id-dritt li suspettati jkunu assistiti minn Avukat. Din il-Qorti ghalhekk tqis li gialadarba qieghdin fi stadju ta' revizjoni, filwaqt li bl-ebda mod ma hija tiddikjara li sehh xi ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq, tiddeciedi li sabiex ma jkunx hemm ir-riskju ta' xi ksur, kwalunkwe dikjarazzjoni, stqarrija jew xhieda moghtija mill-imputati Carmel Polidano, Michael Mercieca u Muhammad Saleem fl-istadju tal-investigazzjoni u l-inkjesta minghajr il-prezenza tal-Avukat bhala inammissibli."

**Ikkunsidrat ukoll:**

Jirriżulta ampjament ippruvat mill-konklużjonijiet tal-esperti maħtura fil-mori tal-inkjesta dwar dan il-każ, illi l-mewt ta' Leonard Magro nhar id-29 ta' Diċembru 2002 kien attribwibbli primarjament għall-użu tad-droga eroina. It-tossikologu Dr. Michael Sammut jikkonkludi illi "*the autopsy finding of intense pulmonary congestion and edema together with the finding of recent use of opiates are indicative of death from opiate (Heroin) abuse. The concurrent use of MDMA that is known to effect the function of various vital organs such as the heart, liver, kidney and brain may have been contributory to death*." Din kienet ukoll il-konklużjoni ta' Dr. Bridget Ellul illi fix-xhieda tagħha f'dawn il-proċeduri tgħid illi "*Eventwalment hareg ic-certifikat li kkonferma li l-mewt kienet relatata ma' uzu ta' eroina. U kien hemm ukoll drogi ohrajn li setghu kkontribwixxew ghall-mewt.*" Fil-fatt il-konklużjonijiet tal-esperti jikkombaċjaw perfettament ma' dak li seħħ fil-jum in kwistjoni, kif ukoll fil-lejl ta' qabel ossia illi Magro kien l-ewwel għamel użu mill-*ecstasy* u sussegwentement, matul il-jum, huwa għamel użu mill-eroina, wara liema huwa ntilef minn sensih, kif jirriżulta mix-xhieda ta' Ian Bonnici quddiem il-Maġistrat Inkwirenti u mill-istqarrija ta' Claire Farrugia, liema stqarrija hija kkonfermatha bil-ġurament quddiem l-istess Maġistrat Inkwirenti.

Il-fatti li taw lok għall-mewt ta' Leonard Magro nhar id-29 ta' Diċembru 2002 jirriżultaw mill-istqarrija li rrilaxxjat Farrugia wara l-arrest tagħha, fid-dawl ta' liema sussegwentement ittieħdu proċeduri kontra l-istess Farrugia. A bażi tal-

istqarrija tagħha, ittieħdu passi wkoll fil-konfront tal-imputat odjern, permezz ta' dawn il-proċeduri.

Dwar l-imputazzjonijiet odjerni, jibda biex jingħad fir-rigward tat-tieni imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat, liema imputazzjoni tikkontempla r-reat ta' pussess 'sempliċi' tad-droga eroina, illi skartata l-istqarrija tal-imputat, mill-atti ma jirriżultax illi saret xi tfittxija fil-konfront tiegħu jew illi huwa nstab fil-pussess ta' xi sustanza lleċita.

Dwar l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet, imbagħad, jirriżulta mill-atti illi l-unika prova li tipprovdi indizju dwar mingħand min inxtrat l-eroina li sussegwentement ikkawżat il-mewt ta' Magro, hija l-istqarrija ta' Claire Farrugia, li tgħid illi fil-jum in kwistjoni, hija akkwistat pakkett eroina mingħand wieħed magħruf bħala l-Ħassu tal-Belt, li kien il-fornitur tagħha tal-eroina matul l-erba' snin li hija kienet ilha tabbuża minn din id-droga. Madankollu, fl-istess stqarrija tagħha, Farrugia tibqa' tindika lill-istess fornitur biss bħala l-Ħassu u fl-ebda mument ma ssemmi mqar ismu; anzi matul ix-xhieda tagħha quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, mistoqsija x'jismu l-Ħassu, hija tgħid illi ma tafx.

Il-Qorti tirrileva illi minkejja li f'punt minnhom fix-xhieda tiegħu, l-Ispettur Norbert Ciappara jixhed fis-sens illi Farrugia indikat lill-fornitur tagħha bħala Mario l-Ħassu, dan ma jirriżulta mkien la mill-istqarrija tal-istess Farrugia u lanqas mix-xhieda tagħha quddiem il-Maġistrat Inkwirenti. In oltre għalkemm l-Ispettur Ciappara jgħid illi Farrugia identifikat min kien "*dan Mario*" fil-presenza tal-Assistent Kummissarju Michael Cassar – li jirriżulta illi kien l-Uffiċjal tal-Pulizija illi ħa l-istqarrija ta' Claire Farrugia fil-presenza tal-Ispettur Neil Harrison - u illi Farrugia identifikatu bħala l-imputat odjern billi għażlitu mir-ritratti li ġew murija lilha, dan ma jirriżulta minn imkien mill-atti proċesswali, la mill-istqarrija tal-istess Farrugia u lanqas mix-xhieda tagħha quddiem il-Maġistrat Inkwirenti jew mill-vera kopja tal-atti tal-proċess verbal esebit f'dawn il-proċeduri. Lanqas ma jirriżulta illi l-Ispettur Ciappara kien preżenti waqt ir-rilaxx tal-istqarrija ta' Farrugia jew waqt ix-xhieda tagħha quddiem l-Inkwirenti.

In oltre għalkemm fil-mori tal-proċeduri odjerni, ix-xhieda ta' Farrugia ġiet sospiża u dan "*ghax ma dik ix-xhieda guramentata niftakar li s-Sur Michael Cassar kien wrieha xi ritratti u qeghdin esebiti. Halli ngib kopja tar-ritratti*", tali ritratti baqgħu ma ġewx esebiti f'dawn il-proċeduri. Mhux biss, iżda minkejja li xehed ukoll l-ex-Assistent Kummissarju Michael Cassar, li spjega kif kien involut fl-investigazzjoni u l-fażijiet diversi tagħha li finalment wasslu għall-arrest ta' Farrugia, dan ix-xhud imkien ma jgħid illi Farrugia kienet ġiet murija xi ritratti li permezz tagħhom identifikat lill-imputat odjern bħala l-fornitur tagħha tal-eroina. In oltre bħal fil-każ tax-xhieda tal-Ispettur Ciappara, għalkemm Cassar jgħid illi skont Farrugia, hija kellmet lil "*Mario Buhagiar maghruf bhala l-Hassu u cioe l-*

*imputat*" u talbitu pakkett eroina, dan id-diskors ma jirriżultax mill-istqarrija u x-xhieda tal-istess Farrugia.

Finalment, meta xehdet f'dawn il-proċeduri, Farrugia ma indikatx lill-imputat odjern bħala l-persuna li mingħandha akkwistat l-eroina fil-jum in kwistjoni, jew bħala l-Ħassu li għalih tirreferi fl-istqarrija tagħha. Kif ingħad minkejja li x-xhieda tagħha ġiet sospiża sabiex jiġu esebiti r-ritratti li skont l-Ispettur Ciappara, kienu ġew murija lilha waqt l-investigazzjoni, mhux biss baqgħu ma ġewx esebiti dawn ir-ritratti, iżda lanqas ma reġgħet ittellgħet tixhed Claire Farrugia, bir-riżultat illi baqgħet ma xehditx dwar il-Ħassu minnha ndikat u baqgħet ma identifikatx lill-imputat odjern bħala tali.

Minkejja illi din il-Qorti ma temminx illi Farrugia ma kinitx taf jekk il-Ħassu kienx jinsab fl-awla fil-ħin tax-xhieda tagħha, u dan tenut kont tal-fatt illi l-istess Farrugia kienet stqarret *a tempo vergine* illi hija kienet dejjem tinqeda mingħand il-Ħassu għad-droga eroina matul l-erba' snin li kienet ilha tagħmel użu minnha, jibqa' l-fatt illi mill-atti proċesswali, minn imkien ma jirriżulta illi l-imputat odjern kien proprju l-persuna illi biegħ pakkett eroina lil Farrugia nhar id-29 ta' Diċembru 2002 u li hija indikatu bħala l-Ħassu tal-Belt fl-istqarrija rilaxxjata minnha.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, fil-grad rikjest mil-liġi.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u qegħda tilliberah minnhom.

Tordna d-distruzzjoni tad-dokument KB/55/2003 oriġinarjament esebit fl-atti tal-proċeduri fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Norbert Ciappara) vs Claire Farrugia' nhar it-30 ta' April 2003 mill-espert l-Ispiżjar Mario Mifsud u esebit f'dawn il-proċeduri bħala Dokument OD 4 nhar is-6 ta' Marzu 2015, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat